MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta ta' l-24 ta' Gunju, 2010

Citazzjoni Numru. 95/2009

Kawza fil-lista: 36

**A B**
**vs**
**C D**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat li permezz tieghu l-attur ippremetta: li l-partijiet kienu jikkobitaw flimkien, u mir-relazzjoni taghhom ghandhom tifla bl-isem Francesca B li twieldet fil-25 ta’ Settembru 1994; li f’ Dicembru 1996 il-konvenuta telqet mid-dar u hadet maghha lit-tifla li dak iz-zmien kellha sentejn; li bis-sahha ta’ zewg sentenzi moghtija bejn l-istess partijiet fis-26 ta’ Gunju 2002 mill-Prim’ Awla tal-Qorti Civili [Cit.2084/98RCP] u [Cit.1947/97RCP], il-konvenuta giet fdata bil-kura u kustodja tat-tifla minuri, filwaqt li l-attur gie akkordat

access; li l-attur gie ukoll ordnat sabiex ihallas manteniment ghall-bzonnijiet tat-tifla minuri fl-ammont ta' LM80 pagabbli mensilment; li ftit wara l-ghoti ta' dawn is-sentenzi, l-attur innota li t-tifla kienet qeghda tissubixxi maltrattament fiziku u psikologiku bl-imgieba xejn normali ta' ommha l-konvenuta; li huwa fl-interess tat-tifla li l-kura u kustodja tigi fdata f' idejn l-attur; ghaldaqstant qed jitlob li din il-Qorti tafda lill-attur il-kura u kustodja tat-tifla minuri bid-dritt ta' access favur il-konvenuta, tenut kont tax-xewqat ta' l-istess minuri; bl-ispejjez kontra l-konvenuta;

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenuta li biha, wara li ssollevat zewg punti ta' natura procedurali, eccepiet li t-talba ghandha tigi michuda peress li mhux fl-ahjar interess tal-minuri li l-kura u kustodja tigi fdata lill-attur;

Rat l-atti kollha tal-kawza, inkluzi l-affidavit prezentat;

Rat in-nota kongunta prezentata mill-partijiet fl-udjenza tal-15 ta' Gunju 2010 li biha l-partijiet qabblu fuq diversi aspetti tal-kawza li jirrigwardaw l-meritu taghha, u li kopja taghha qeda tigi annessa mal-gudizzju odjern sabiex tifforma parti ntegrali mill-istess [appendici A];

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Ikkunsidrat;

Illi permezz ta' l-azzjoni odjerna l-attur qed jitlob li jigi fdat bil-kura u kustodja ta' bint komuni tal-partijiet, Francesca B li twieldet fil-25 ta' Settembru 1994.

Illi permezz ta' l-imsemmija nota l-partijiet wasslu fi ftehim dwar il-meritu tal-kawza, fosthom li l-kura u kustodja tal-minuri tigi fdata lill-attur b'access favur il-konvenuta.

Ghal dawn il-motivi tiddeciedi billi tilqa' t-talba fit-termini tan-nota kongunta fuq indikata u li tifforma parti ntegrali mill-gudizzju odjern.

Spejjez bla taxxa.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------